# Q O R T I  Ċ I V I L I

## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 12 ta' Diċembru 2018**

Rikors Ġuramentat nru. 190 / 2017 RGM

Kawza fil-lista:5

**A E f'isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri B D maħtura b'digriet datat 17 ta' Awwissu 2017**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat pprezentat mill-attrici fl-14 t'Awissu 2017 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti :-

1. *Illi l-partijiet A E u C D kellhom relazzjoni għal madwar sentejn u nofs, mil-liem relazzjoni twieldet il-minuri B nhar id-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) kif jirrizulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri mal-preżenti anness u mmarkat bhala '**Dok A**'.*

2. *Illi din ir-relazzjoni, illi bdiet fis-sena elfejn u sitta (2006) meta l-esponenti kienet għad kellha biss tmintax (18) – il sena, tkissret irrimedjabbilment meta l-minuri B D kellha biss sena u ftit xhur. F'dan l-imsemmi perjodu il-partijiet kienu jgħixu flimkien fid-dar tan-nanna materna.*

3. *Illi hekk kif il-partijiet ma baqgħux flimkien, il-piż finanzjarju relatat mat-trobbija tal-minuri dejjem kien b'mod esklusiv f'idejn l-omm. L-intimat qatt ma għadda manteniment lill-esponenti għall-minuri B D għal dan l-aħħar disa' snin. L-ispejjeż kollha relatati mal-edukazzjoni is-saħħa u trobbija b'mod ġenerali tal-minuri dejjem kienu a karigu tal-omm. Kien biss permezz ta' digriet pendente lite datat il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) wara rikors tal-esponenti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, illi l-intimat beda jgħaddi manteniment għall-minuri.*

4. *Illi l-intimat huwa impjegat mal-Methode Electronics Malta Ltd, u ilu hekk impjegat għal dawn l-aħħar għaxar snin. L-intimat jaħdem fuq bazi full-time u jagħmel ukoll siegħa over-time.*

5. *Illi l-esponenti taħdem fuq bażi full-time ma' Santa Lucia Products Ltd u tipperċepixxi s-salarju bażiku nett ta' kważi disa' mitt ewro (900Eur). Din is-somma tiżdied meta l-esponenti jkollha l-opportunita' illi taħdem siegħat ulterjuri konsistenti f'overtime u meta jkun hemm il-bonus tal-gvern u allowance. Żewġ payslips tax-xhur Frar 2017 u Marzu 2017, kif ukoll FS3 tal-esponenti tas-sena 2016 jinsabu hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok B1', u 'B2' u 'Dok C'**.*

6. *Illi l-esponenti ġiet debitament awtorizzata illi tintavola dawn il-proċeduri permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), li jinsab mal-preżenti anness u mmarkat bħala '**Dok D**'.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi u previa kull provvediment ieħor li din l-Onor. Qorti jirdilha huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi jogħġobha:*

1. *Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri B D tiġi fdata unikament f'idejn ir-rikorrenti;*

2. *Tiffissa ġranet u ħinijiet illi fihom il-minuri B D għandha jkollha aċċess għall-missierha, u tali modalita' ta' aċċess għandu jkun fl-aħjar interess tal-minuri;*

3. *Tordna illi r-residenza tal-minuri B D tkun mal-omm;*

4. *Tordna illi kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna soċjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri B D jingħata lir-rikorrenti;*

5. *Tillikwida l-manteniment illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti għall-ħtiġijiet tal-minuri B D, f'somma pagabbli mill-istess intimat fil-ġimgħa jew fix-xahar kif ordnat minn din l-Onor. Qorti, liem ammont għandu jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni ordinarji tal-minuri, u li għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;*

6. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti dik ir-retta ta' manteniment għall-ħtiġijiet tal-minuri B D, illi tiġi hekk likwidata;*

7. *Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli illi jħallas l-arretrati ta' manteniment għal dawk snin kollha illi huwa ma ħallasx manteniment għal bintu B D;*

8. *Tillikwida l-arretrati ta' manteniment minn Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008), u ċioe' minn meta r-relazzjoni tal-partijiet intemmet sa dakinhar tas-sentenza finali ta' din l-Onor. Qorti maħduma bir-rata li tiġi appożitament iffissata minn din l-Onor. Qorti, pagabbli mill-istess intimat lir-rikorrenti lilha personali u jew lilha f'isem il-minuri B D;*

9. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti lilha personali u/jew lilha f'isem il-minuri B D dik is-somma hekk stabilita u likwidata minn din l-Onor. Qorti konsistenti f'arretrati ta' manteniment, għas-snin kollha msemmija, u dan taħt dawk il-modalitajiet illi jiġu stabiliti f'dawn ir-rigward mill-istess Onor. Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat inġunt minn issa għas-subizzjoni, u bl-imgħax legali fuq kull ammont li jista' jiġi likwidat minn din l-Onor. Qorti a bazi tat-talbiet hawn fuq deskritti, mid-data tal-prezentata ta' dawn il-proċeduri sad-data tal-pagament effettiv.*

Rat id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess rikors ġuramentat;

Rat ir-rikors prezentat mill-attriċi kontestwalment mar-rikors ġuramentat fejn talbet sabiex tiġi nominata bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri B D fl-atti ta' din il-kawza kif ukoll id-digriet sussegwenti datat 17 t'Awissu 2017 li laqa' din it-talba;

Rat illi l-konvenut naqas milli jipprezenta risposta ġuramentata fil-waqt li tagħmel referenza għas-Sentenza *in parte* mogħtija minn din l-istess Qorti matul il-mori ta' din il-kawza, datata 13 ta' Marzu 2018 fejn ġie deċiż illi l-konvenut ma rnexxielux jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u li ċaħdet għalhekk it-talba tiegħu fir-rikors tal-20 ta' Ottubru 2017 għall-awtorizzazzjoni biex jipprezenta risposta guramentata f'din il-kawza u l-atti relattivi għal dan ir-rikors u atti u xhieda oħra konnessi.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fis-7 ta' Mejju 2018 u dokumenti annessi ma' l-istess affidavit;

Rat ix-xhieda ta' David Parnis in rapprezentanza ta' Methode Electronics Malta Ltd prodott mill-attriċi mogħtija fl-4 ta' Lulju 2018 u dokumenti ezebiti minnu;

Rat l-affidavit ta' oħt l-attrici Lucienne E anness ma' nota pprezentata fl-4 ta' Lulju 2018 u dokumenti annessi ma' l-istess affidavit;

Rat l-atti tal-medjazzjoni numru 131/17VZ li ppreċediet din il-kawza bejn il-partijiet u li ġew ordnati li jiġu allegati minn din l-Onorabbli Qorti fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2018;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi ta' l-attriċi u tal-konvenut prezentati rispettivament fl-20 t'Awissu 2018 u 28 ta' Settembru 2018;

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-llum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

Illi fil-mertu, il-provi prinċipali li tressqu f'din il-kawza kienu x-xhieda permezz ta' affidavit ta' l-attriċi u dokumenti annessi miegħu, affidavit ta' oħt l-attriċi u xhieda referibbli għall-impjieg u introjtu tal-konvenut li ma xehedx u ma ressaqx provi f'din il-kawza wara li ġie dikjarat kontumaċji.

Illi minn ħarsa lejn l-affidavit ta' l-attriċi, jirrizulta x'kienet matul is-snin ir-relazzjoni u rwol li l-missier u cioe' l-konvenut kellu fir-rigward tal-minuri binthom u l-kwistjonijiet li kien hemm bejn l-attriċi u l-konvenut.

Illi minn din l-istess xhieda u anki mis-sottomissjonijiet finali prezentati minnha jirrizulta li l-attriċi ssostni li r-rwol tal-konvenut fir-rigward tat-trobbija tal-istess minuri u l-kontributi tiegħu fir-rigward ta' l-istess trobbija, inklużi dawk finanzjarji, kienu limitati.

L-attriċi tiffoka b'mod partikolari fuq ir-rwol li kien assuma l-konvenut fir-rigward tal-minuri li llum għandha ħdax-il sena, minn meta din kellha tlitt snin 'il quddiem u cioe' bejn wieħed u ieħor mis-sena 2010. Tispjega li fil-waqt li l-minuri kienet tgħix magħha, il-konvenut jew qraba tiegħu kienu jassistu fit-teħid u ġbir tal-minuri għall-iskola sakemm l-attriċi tirritorna lura mix-xogħol.

L-attriċi tispjega wkoll li meta hija telqet mid-dar ta' ommha u missierha, fit-tlitt ijiem ta' xogħol tagħha, il-minuri kienet torqod għand il-konvenut izda l-ispejjez tal-minuri kienu baqghu responsabilita' tagħha.

Fl-affidavit tagħha l-attriċi mbaghad taqbeż għas-sitwazzjoni ezistenti fis-sena 2015 fejn meta hija qalbet għal xogħol full-time, il-minuri bdiet torqod għand il-konvenut mill-Ħadd fil-għaxija sal-Ħamis fil-għaxija pero' ssostni li wara x-xogħol hija kienet tiġbor it-tifla mingħand il-konvenut, isir il-homework, taħsilha, titmagħha u terġa' twassalha għand il-konvenut biex tqatta' l-lejl għandu. Issostni wkoll li għajnuna finanzjarja baqa' qatt ma kellha mingħand il-konvenut.

L-attriċi ssemmi wkoll is-sitwazzjoni li kienet inħolqot għal xi zmien meta l-konvenut kien għamel madwar ħames xhur jgħix ma' 'girlfriend' tiegħu fejn jidher li matul dan iz-zmien kien ikollu xi jgħid mal-minuri. Skont l-attriċi, dan kien rizultat tal-fatt li l-konvenut kien qalilha li huwa kien jispiċċa jkollu xi jgħid mat-tfajla tiegħu minħabba l-minuri. Issostni li minħabba din is-sitwazzjoni hija kkonsidrat li ma kienx aktar fl-interess tal-minuri li tibqa' tqatta' l-iljieli ta' matul il-ġimgħa ma' missierha u tagħti x'tifhem għaldaqstant li l-minuri bdiet tipprepara weħidha fil-għodu biex tmur skola peress li kienet kapaċi peress li kellha disa' snin.

Tilmenta li s-sitwazzjoni preżenti fiz-zmien meta għamlet l-affidavit tagħha kienet illi l-minuri tiddejjaq meta missierha waqt l-aċċess jitkellem dwar ommha, li tkun trid tmur għand in-nanniet paterni fil-weekend biss, li

għalkemm il-konvenut għandu l-fakulta ta' aċċess fost il-ġimgħa, sa minn Mejju 2017, qatt ma seħħ aċċess fost il-ġimgħa u li fil-weekend il-konvenut ftit li xejn ikun id-dar għax ikun xogħol kif ukoll li meta jkun imissu l-aċċess, flok ikun il-konvenut li jikkomunika ma' l-attriċi dwar l-aċċess, ikunu l-qraba tiegħu li jikkomunikaw mal-minuri dwar l-istess aċċess u li skont l-attriċi, il-missier juri ċertu nuqqas ta' interess fir-rigward tal-minuri.

Issemmi wkoll pero' li l-minuri għandha relazzjoni tajba ħafna maz-zija paterna, in-nannu patern u l-kuġina tagħha (bint iz-zija paterna).

L-attriċi tilmenta wkoll li l-konvenut baqa' ma jikkontribwixxix finanzjarament is-sehem tiegħu għal spejjez għall-minuri fosthom għal ħwejjeġ għal xi okkażżjoni jew ta' skola. Indikat ukoll l-ispejjez li hija tinkorri inkluzi dawk tar-residenza fejn jgħixu hi u l-minuri

Oħt l-attriċi fl-affidavit tagħha tiddeskrivi dak li l-minuri tgħidilha dwar l-aċċess li jkollha mal-konvenut u ħuwha l-ieħor cioe' tifel li l-konvenut għandu minn relazzjoni oħra u li skont hi, il-minuri tmur għall-aċċess nofs qalb, anzi tieħu gost meta missierha ma jċempilx għall-aċċess. Tikkonferma wkoll dak li tgħid l-attriċi fis-sens li għajnuna finanzjarja mill-konvenut ma tingħatax.

Mid-dokumenti esebiti rrizulta wkoll illi skont il-payslips esebiti mill-attriċi, il-paga medja mensili tagħha inkluz overtime hi ta' circa elf u mija jew elf u mitejn Ewro (€1,100/1,200) fix-xahar mentri skont id-dokumenti esebiti mix-xhud li ġie prodott mill-attriċi sabiex jixhed dwar l-introjtu tal-konvenut, jirrizulta li dan jipperċepixxi medja ta'circa elf u ħames mija jew elf u sitt mitt Ewro (€1,500/€1600) fix-xahar.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

In tema legali għandu jigi sottolineat illi il-kontumaċja għandha titqies ekwivalenti għal kontestazzjoni; f'termini kalcistici, ma hiex 'walk over'. Ghalhekk dak allegat u pretiż mill-attrici jrid jigi sorrett mill-provi u tapplika l-massima legali "incumbit probatio qui dicit, non qui negat" ("**Joseph Zammit vs Joseph Hili** - Qorti tal-Appell - 27.06.1953). **L-Artikolu 559 Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta wkoll jipprovdi illi f'kawża għandha tinġieb l-aħjar prova.

Illi fis-sottomissjonijiet finali tagħha l-attriċi tibqa' tikkontendi li r-relazzjoni bejn il-minuri u l-konvenut m'hijiex waħda tajba u b'saħħitha u li skont hi, l-atteġġjament tal-missier hu wieħed immatur u irresponsabbli kif ukoll tibqa' tikkontendi li finanzjarjament dan qatt ma kkontribwixxa xejn.

Fl-istess waqt l-attriċi tirrikonoxxi l-fatt li l-konvenut kellu rwol matul it-trobbija tal-minuri meta din kienet titraqqad għandu minħabba x-xogħol ta' l-attriċi, biex dan jieħu ħsieb li l-minuri tittieħed u tinġabar mill-iskola – kien hemm perjodu fejn il-minuri kienet torqod għand il-konvenut jew ommu minn nhar ta' Ħadd sal-Ħamis.

L-attriċi tirrikonoxxi wkoll illi t-tifla għandha relazzjoni tajba ħafna ma' uħud mill-qraba tal-konvenut inkluz nannuwha, zijitha u kuġina tagħha.

Illi dan iwassal għall-konkluzjoni li fil-waqt li l-attriċi tilmenta dwar ċertu nuqqas ta' interess tal-konvenut fir-rigward ta' bintu, fl-istess waqt din irrikonoxxiet li l-konvenut kellu rwol u prezenza kontinwa matul is-snin fit-trobbija tal-minuri u tantieħor uħud mill-qraba tiegħu.

Jiġi wkoll innutat li fil-waqt li l-attriċi tilmenta ħafna dwar in-nuqqas ta' għajnuna finanzjarja li l-konvenut kien mistenni li jagħti għall-minuri, u ssotni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li dan għandu jiġi ordnat iħallas arretrati ta' manteniment fis-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar għal fuq medda tax-xhur kollha (101) li matulhom hija ma rċevietx manteniment mingħand il-konvenut, għal total ta' ħamsa u għoxrin elf mitejn u ħamsin Ewro (€25,250), din fl-istess waqt ma tispjegax ir-raġuni għalfejn damet is-snin kollha li damet u ċioe' sakemm it-tifla kellha għaxar snin biex tibda' bi proċeduri ġudizzjarji li wasslu għall-ewwel digriet tal-5 ta' Mejju 2017 fejn il-konvenut ġie ordnat sabiex iħallas mitejn Ewro (€200) fix-xahar flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Fis-sottomissjonijiet tagħha l-attriċi ssostni li l-konvenut mhux puntwali f'dak li jikkonċerna l-ħlasijiet li huwa jikkontribwixxi għal nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni, li għandu bilanċ pendenti f'dan ir-rigward u li konsegwentement hija tħoss li jkun aktar utli jekk flok ir-refuzjoni mensili ta' nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni nkorsi mill-konvenuta, il-manteniment mensili dovut minnu jkun dak ta' tlitt mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar li jkun inklussiv tas-sehem tiegħu għall-ispejjez ordinarji ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri li għandu jizdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Daparti tiegħu il-konvenut jagħmel diversi sottomissjonijiet fin-nota tiegħu li sintetikament huma s-segwenti:-

Fl-ewwel lok, minkejja l-kontumaċja tiegħu, huwa kellu nteress f'dawn il-proċeduri tant li attenda kull seduta u li qed jikkontesta dak pretiz mill-attriċi;

- Isostni li ma hemmx l-estremi biex il-kura u kustodja tiġi fdata esklussivament lill-attriċi;

- Li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li l-minuri tirrisjedi ma' l-omm u li l-benefiċċji soċjali jiġu perċepiti minnha;

- Dwar l-aċċess jinnega dak sosnut mill-attriċi dwar il-mod kif jiġi eserċitat l-aċċess matul is-Sajf (ċioe' l-aċċess ta' matul il-ġimgħa) ;

- Dwar il-provi prodotti b'mod partikolari dwar dak li jingħad li tgħid it-tifla, permezz tax-xhieda ta' l-attriċi u ta' oħtha, huwa jsostni li dak allegat hu *detto del detto* u li *se mai,* kellha tiġi prodotta t-tifla biex tixhed tramite l-avukat tat-tfal dwar il-posizzjoni tagħha dwar l-aċċess ma' missierha;

- Dwar l-aċċess isostni li dan ma għandux jiġi eserċitat darba kull ġimgħatejn (cioe' matul il-weekend darba kull ġimgħatejn), pero' fl-istess ħin ma jindikax kif skont, hu għandu jkun l-aktar aċċess addatat oltre dan l-aċċess suġġerit mill-attriċi;

- Dwar il-manteniment isostni li dan għandu jibqa' pagabbli skont id-digriet mogħti pendente lite u li l-attriċi hi kontradittorja in kwantu mentri fis-sottomissjonijiet issostni li l-konvenut ma kienx qed jonora l-obbligi tiegħu biex iħallas nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni jew ma kienx qed ikun konsistenti f'dan ir-rigward, fl-istess ħin fl-affidavit tagħha sostniet li dan dejjem iħallas il-manteniment skont id-digriet tal-5 ta' Mejju 2017 *"inkluz nofs l-ispejjez tas-saħħa u edukazzjoni..."*

- Dwar il-manteniment pretiz mill-attriċi għas-snin fejn hija ssostni li l-konvenut ma kienx jikkontribwixxi finanzjarjament, il-konvenut fl-ewwel lok jissottometti li l-pretensjonijiet mill-attriċi huma milqutin mill-preskrizzjoni ta' ħames snin kontemplati fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 12, Liġijiet ta' Malta stante li fil-fehma tiegħu dak li qed titlob hi refuzjoni ta' spejjez. Il-konvenut għaldaqstant jargument li l-manteniment b'lura f'dak il-kaz ikun ekwivalenti għal ħdax-il elf u mitejn Ewro (€11,200) u mhux is-somma pretiza mill-attriċi izda mingħajr preġudizzju għal dan kollu, isostni wkoll li huwa u l-familja tiegħu kellhom rwol fit-trobbija tal-minuri u kienet tkun regolarment għandhom u li b'hekk hu inverosimili li l-ispejjez kollha tal-minuri kienet tbgħatihom hi weħidha. Għal dan il-għan jissottometti li għaldaqstant għandu jkun hemm tnaqqis ulterjuri ta' 50% fir-rigward ta' l-arretrati;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

**Kura u Kustodja;**

Illi minn dak kollu li rrizulta matul il-kawza, inkluz b'mod partikolari l-affidavit ta' l-attriċi, jirrizulta ċar li t-trobbija tal-minuri hi primarjament f'idejn l-omm. L-attrċi tieħu ħsieb il-maġġor parti tal-bzonnijiet tal-minuri. Fl-istess waqt pero' l-attriċi tirrikonoxxi li l-attur kellu matul is-snin rwol u presenza fil-ħajja tal-minuri.

Fl-affidavit tagħha tirrikonoxxi li meta hija kienet bdiet taħdem, l-attur kien iwassal u jiġbor lill-minuri l-iskola u kien hemm perjodu fejn l-istess minuri kienet torqod għandu bejn nhar ta' Ħadd u nhar ta' Ħamis.

L-attriċi tilmenta illi fejn jidħlu attivitajiet ta' skola, il-missier ma jurix xi interess straordinarju fil-minuri. Madanakollu, jirriżulta illi l-konvenut kellu u għad għandu rwol fil-ħajja tal-minuri u li ma hemmx l-estremi li jċaħħduh milli jgawdi kura u kustodja konġunta tal-minuri b'dan pero' li tenut kont ta' dak hawn fuq ikkonsidrat, l-attriċi tkun tista' tieħu weħidha deċizjonijiet dwar ħtiġijiet u attivitajiet ordinarji li jikkonċernaw lill-minuri fil-waqt li deċiżjonijiet ta' natura straordinarja li jkunu jikkonċernaw b'mod partikolari kwistjonijiet ta' saħħa, deċizjonijiet importanti dwar l-edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri u safar u firem relattivi għandhom jittieħdu mill-partijiet konġuntivament.

**Residenza tal-Minuri, Aċċess u Vaganzi;**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu il-konvenut stqarr illi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-omm u li l-benefiċċji soċjali bħal 'children's allowance' jiġu perċepiti minnha.

Dwar l-aċċess jidher li minħabba raġunijiet prattiċi, l-aċċess ta' matul il-ġimgħa b'mod partikolari matul żmien ta' skola jaf ma jkunx addattat tenut kont illi l-minuri jibda jkollha diversi attivitajiet extra-kurrikulari. L-aċċess matul il-ġimgħa mill-missier ma kienx qed jiġi eserċitat jew ma kienx qed jiġi eserċitat b'mod regolari. Jiġi nnutat ukoll li fis-sottomissjonijiet imressqin mill-konvenut, ftit li xejn aċċenna għal dak li fil-fehma tiegħu għandu jkun l-aċċess

li għandu jkollu għall-minuri ħlief illi dan ma jkunx limitat għal darba kull ġimgħatejn.

Il-Qorti eżaminat ir-rapport ta' l-avukat ta' tfal li kien ġie preżentat fl-atti tal-medjazzjoni li kellhom il-partijiet qabel din il-kawza u li ġew allegati ma' l-atti ta' din il-kawza. Fl-istess rapport hemm indikat illi l-minuri jkollha ħafna xogħol u studju matul il-ġimgħa u tippreferi ma tmurx għall-aċċess matul il-ġimgħa biex tagħmel xogħolha u ma tħarbatx ir-rutina tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li ma jkunx fl-interess tal-minuri li matul il-perjodu ta' skola ikun hemm aċċess versu l-missier matul il-ġimgħa b'dan pero' li għandu jiġi aċċertat li jkun hemm opportunita' ta' aċċess aktar ampju matul il-ġimgħa fis-Sajf u vaganzi ta' skola u aċċess ieħor fil-weekend kif ser jigi stabbilit fil-paragrafu segwenti.

IL-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi matul is-sena skolastika l-aċċess għandu jibqa' kif inhu fil-preżent u cioe' fil-weekend sabiex ir-rutina li drat biha l-minuri, u l-partijiet, ma tiġix imfixkla u b'hekk qed jiġi deċiz illi l-aċċess ikun darba kull ġimgħatejn minn nhar ta' Ġimgħa mis-sebgħa ta' fil-għaxija (7pm) sal-Ħadd sebgħa ta' fil-għaxija (7pm). Dan qed jingħad ukoll għaliex effettivament ħadd mill-partijiet fis-sottomissjonijiet relattivi tagħhom ma provdew alternattivi ta' ħinijiet oħra li jkun jista' jirregola l-aċċess ta' matul il-weekend anzi jidher li anki l-attriċi, fis-sottomissjonijiet tagħha (pg6) ndikat li fir-rigward tal-weekend, aċċess ta' darba kull ġimgħatejn hu aċċettat mingħajr ma ġew indikati ħinijiet alternattivi għall-modalita' kurrenti.

Jizdied ulterjorment li in vista ta' ċertu allegazzjonijiet li tressaq l-attriċi dwar post partikolari li jingħad li ġieli jiffrekwenta l-konvenut, l-aċċess li għandu jeserċita l-konvenut mal-minuri għandu dejjem jiġi eserċitat f'postijiet li jkunu addattati għall-minuri u mhux f'xi bar u f'kaz illi b'mod partikolari matul l-aċċess tal-weekend ikun hemm ħinijiet li huwa jkun imissu xogħol, il-minuri matul dawk il-ħinijiet għandha titħalla man-nannu patern jew maz-zija paterna (Angele) diment li dawn ikunu jistgħu , u fin-nuqqas, il-minuri għandha titħalla ma' l-attriċi matul dak il-weekend, b'dan illi l-konvenut għandu jagħmel l-għallmu tiegħu biex jaċċerta li fil-weekend li jkun imissu aċċess mal-minuri, ix-shifts ta' xogħol tiegħu għandhom ikunu addatati kemm jista' jkun b'mod li jkollu l-aktar ħin possibbli mal-minuri.

Illi dan l-aċċess qed jiġi stipolat anki in vista tal-fatt li l-minuri jidher illi għandha relazzjoni tajba ma' qraba tal-konvenut u li b'hekk huwa fl-interess tagħha li jibqa' jkollha kuntatt regolari mhux biss mal-konvenut izda wkoll mal-qraba tiegħu li huma wara kollox parti mill-familja ta' l-istess minuri.

Fir-rigward tal-aċċess tal-missier versu l-minuri matul il-vaganzi l-Qorti qed tiddeċiedi illi l-aċċess tal-missier versu l-minuri matul il-vaganzi tas-sajf u fil-vaganzi ta' matul is-sena cioe' fil-vaganzi tal-Milied u ta' l-Għid, għandu jiżdied, apparti dak fil-weekend deċiż aktar qabel, ikun darbtejn fost il-ġimgħa jew bejn id-disgħa ta' fil-għodu (9am) u nofsinhar (12pm) jew bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4pm) u t-tmienja ta' fil-għaxija (8pm) skond ma tkun ir-roster tax-xogħol tal-konvenut tenut kont ta' dawk li jidhru li huma ħinijiet ta' shifts li huwa għandu skond ma jirrizulta minn fol.48 tal-proċess, b'dan illi għandu jkun l-istess konvenut illi javza lill-attriċi mill-inqas jumejn qabel xi tkun ser tkun ir-roster tiegħu għall-aċċess ta' dik il-ġimgħa u fin-nuqqas, huwa jitlef id-dritt li jeżerċita l-aċċess ta' fost il-gimgha ta' dik il-ġimgħa.

**Manteniment;**

Illi mizjud ma' manteniment mensili li qed jintalab mill-attriċi li jkun pagabbli mill-konvenut, daparti tagħha l-attriċi tinsisti li hija għandha titħallas l-arretrati ta' manteniment għal dawk is-snin kollha illi l-konvenut ma ħallasx manteniment għal bintu B D. Illi din it-talba tirreferi għall-ħlas ta' manteniment għal zmien fejn ma kien hemm l-ebda digriet viġenti bejn il-partijiet.

In tema legali ssir referenza għall-artikolu **3B tal-Kodiċi Ċivili** (Kap. 16 Liġijiet ta' Malta) li jistipula li l-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment jinkludi ukoll l-obbligu illi skont il-mezzi tagħhom jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena.

Issir referenza wkoll għall-artikolu 7(1) tal-istess Kodiċi Ċivili li jipprovdi li:

*7. (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.*

Kif ukoll:

*Artikolu 19. (1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.*

U:

*Artikolu 20. (1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

Illi daparti tagħha l-attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha tagħmel referenza għall-ġurisprudenza li fil-fehma tagħha tikkorrobora dak sostnut minnha dwar l-arretrati li qed titlob.

Jirriżulta illi fiż-żmien rilevanti l-minuri kienet torqod għand il-konvenut matul il-ġimgħa meta l-attriċi bdiet taħdem, peress li din kienet tibda xogħol kmieni. Dan jagħti x'jifhem li l-attriċi kienet qed tingħata ċertu sostenn mingħand il-konvenut anki jekk mhux wieħed finanzjarju. Dan is-sostenn seta ta' l-inqas *in parte* għamel tajjeb għal dak li kellu jkun is-sostenn finanzjarju li l-konvenut kellu jagħti għall-minuri u b'hekk, irrispettivament minn kwalsiasi konsiderazzjoni ta' natura legali, għandu jirrizulta li ma jkunx ġust u ekwu jekk tintlaqa' *in toto* it-talba tal-attriċi għal arretrati ta' manteniment kif mitluba minnha li tmur lura għas-snin kollha meta ma kienx hemm digriet viġenti.

L-attriċi ma tispjegax għaliex ma ħaditx passi kontra l-missier qabel is-sena 2017 sabiex l-aspett finanzjarju jiġi regolat mill-Qorti. Dan waħdu pero' ma jeżonerax lill-konvenut mill-obbligu tiegħu li jikkontribwixxi finanzjarjament għat-trobbija tal-minuri.

Mill-banda l-oħra jirriżulta illi l-konvenut jirrikonoxxi li l-piz finanzjarju dwar il-minuri kien primarjament fuq l-attriċi (kif jirrizulta anki minn messaġġ li kien bagħtilha – fol. 33) mentri fis-sottomissjonijiet tiegħu ma jinnegax illi flus qatt ma għadda lill-attriċi izda jirreferi biss għas-sostenn li kien jagħti biex il-minuri torqod għandu meta l-attriċi kienet tkun xogħol. Il-konvenut għalhekk huwa responsabbli sabiex jikkontribwixxi s-sehem tiegħu finanzjarju għat-trobbija tal-minuri. Il-Qorti, wara li kkonsidrat il-fatti kollha rilevanti hija tal-fehma illi l-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallas bħala manteniment għall-minuri inkluż għall-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa, is-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) fix-xahar għall-perijodu minn Awissu 2012 sa Awissu 2017 u ċioe' s-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) nieqes is-somma ta' mitejn ewro (€800) li l-konvenut jirriżulta li ħallas fil-perijodu imsemmi. Għalhekk il-Qorti qed tikkundannah iħallas lill-attriċi s-somma ta' **erbatax-il**

**elf u mitejn ewro (€14,200)** rappreżentanti l-arretrati ta' manteniment għall-minuri dovuti mill-konvenut lill-attriċi għall-perijodu minn Awissu 2012 sa Awissu 2017 meta allura ġiet intavolata l-kawża odjerna.

Illi dwar il-manteniment pagabbli mensilment għall-futur l-attriċi qed titlob bidla mill-manteniment li ġie ordnat pendente lite b'digriet tal-5 ta' Mejju 2017 waqt il-proċeduri ta' medjazzjoni li ppreċedew din il-kawza fejn kien ġie ordnat illi l-konvenut kellu jħallas manteniment pendente lite ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Minflok din il-modalita' l-attriċi qed titlob li l-konvenut iħallas manteniment komplessiv ta' tlitt mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar li tkun inklussiva tal-kontribut tal-konvenut għall-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni ordinarji tal-minuri.

L-attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha ssostni li l-konvenut mhux puntwali sabiex iħallas nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni li jkunu dovuti minnu. Daparti tiegħu il-konvenut isostni li fl-affidavit tagħha l-attriċi ssostni li l-konvenut dejjem ħallas il-manteniment dovut minnu u li ma tressqitx prova li huwa ma jħallasx jew ikun tardix.

Illi għalkemm hu minnu li fl-affidavit tagħha l-attriċi ssemmi li l-konvenut dejjem ħallas il-manteniment dovut minnu mingħajr ma speċifikat jekk kienx qed ikun puntwali jew le f'dan il-ħlas, hija pero' spjegat fid-dettal kemm il-konvenut finanzjarjament kien iżomm lura milli jikkontribwixxi finanzjarjament għall-bzonnijiet tal-minuri. Fil-fatt fl-affidavit tagħha l-attriċi tiffoka aktar fuq is-sitwazzjoni ġenerali li kienet tezisti qabel ma ingħata d-digriet li rregola l-manteniment pendente lite.

Illi jidher pero' evidenti li matul is-snin, il-konvenut żamm lura finanzjarjament milli jagħti sehemu finanzjarjament u b'hekk hemm riskju ċar li din l-istess sitwazzjoni tibqa' tirrepeti ruħha fir-rigward tal-kontribut tiegħu għal nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni jekk dawn ikunu dovuti separatament mill-manteniment mensili. Il-Qorti qed tqies illi mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna l-konvenut għandu jigi kkundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350) fix-xahar li tinkludi l-ispejjeż kollha ta' edukazzjoni kif ukoll l-ispejjeż ordinajra ta' saħħa iżda esklużi spejjez straordinarji ta' saħħa.

Il-Qorti qed tordna wkoll illi l-attriċi għanda tipperċepixxi ic-children's allowance u kwalunkwe benefiċċju socjali dovut fl-interess tal-minuri.

**DECIDE**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi;**

**1. Tilqa' in parte l-ewwel talba tal-attriċi billi tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun konġunta f'idejn iż-żewġ ġenituri filwaqt li l-minuri jirrisjedi mal-omm b'dan illi l-attriċi qed tingħata d-dritt li tieħu weħidha deċiżżjonijiet dwar ħtiġijiet u attivitajiet ordinarji ta' kuljum li jikkonċernaw lill-minuri inkluż saħħa u edukazzjoni, fil-waqt li deċiżjonijiet ta’ natura straordinarja li jkunu jikkonċernaw kwistjonijiet ta’ saħħa u edukazzjoni u safar tal-minuri għandhom jittieħdu mill-partijiet konġuntivament;**

**2. Tilqa’ t-tieni u t-tielet talba ta’ l-attriċi billi tiffissa r-residenza u aċċess tal-minuri versu l-missier bil-mod kif deċiż supra taħt l-intestatura "Residenza tal-Minuri, Aċċess u Vaganzi.’**

**3. Tilqa’ r-raba’ talba attriċi u tordna illi kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna soċjali li tkun talvolta pagabbli fl-interess tal-minuri B D jingħata lir-rikorrenti;**

**4. Tilqa’ l-ħames talba attriċi u tillikwida l-manteniment illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti għall-ħtiġijiet tal-minuri B D mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna s-somma ta’ tlitt mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar u li għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, li tkun inklussiva tal-kontribut tal-konvenut għall-ispejjez ta’ saħħa u edukazzjoni ordinarji tal-minuri inkluzi għaldaqstant il-kontributi tal-konvenut għal spejjez konnessi ma’ uniformijiet u kotba tal-minuri, privat jew attivitajiet extra-kurrikulari izda eskluzi spejjez mediċi straordinarji liema spejjez il-konvenut ikun tenut li jikkontribwixxi n-nofs;**

**5. Tilqa’ s-sitt talba u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti l-manteniment għall-minuri kif likwidat fil-paragrafu preċedenti;**

**6. Tilqa’ s-seba’ talba u tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli illi jħallas l-arretrati ta’ manteniment għal dawk is-snin illi huwa ma ħallasx manteniment għal bintu B D kif fuq deċiż taht l-intestatura ‘Manteniment’;**

**7. Tilqa' t-tmien talba attriċi, tillikwida l-ammont ta' arretrati ta' manteniment għall-minuri dovuti mill-konvenut lill-attriċi s-somma ta' erbatax-il elf u mitejn ewro (€14,200) kif spjegat supra;**

**8. Tilqa' d-disa' talba u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata ta' €14,200, rapprezentanti arretrati ta' manteniment, bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament;**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Onor. Robert G. Mangion** **Lydia Ellul**

**Imhallef** **Deputat Registratur**